Għalhekk jien naħseb illi jikteb ħażin min jikteb s*e*ma' flok s*a*ma'; ġ*e*ma' flok ġ*a*ma' bħalma hu ħażin t*e*fa' flok t*a*fa' għajb agħar ikun jekk wieħed jikteb mod u ieħor jikteb mod ieħor, u għajb li ma jinħaferx jekk l-istess kittieb issa jikteb hekk u issa jikteb xort'oħra.

Intenni : Jiena ktibt hawnhkk dak li deherli li sibt ; jekk dawk li f'din il-materja huma 'l quddiem iżjed, jistgħu jqiegħdu r-regula f'dawl aħjar, jiena u l-kittieba kollha għaqlin nibqgħu nafuhulhom

DUN KARM.

## Il-Lampa tas-Sagrament

*(Fil-knisja ta' l-Orsolini, tas-Sliema)*

Fil-knisja ċkejkna l-ebda ħoss. Lubiena
l-aħħar dija tax-xemx tħammar fit-tieqa
bla ħeġġa : jibki leħen ta' qanpiena:
l-agħsafar jithejjew għal nagħsa wtieqa.

Waħdi fil-knisja wħedha, b'qalb għajjiena
mill-ġlieda ta' kull jum f'ħajja qarrieqa,
f'riġlejn l-artal fejn tgħix l-IMĦABBA, jiena
qiegħed kolni miġbur f'ħolma għaxxieqa.

Sikta wi dlam; iżda fid-dlam u s-sikta
hemm lampa ċkejkna tixgħel bla ma tehda;
żejt ċar bħad-dmugħ u tazza mingħajr nikta.

Ta' soru tajba x-xgħil ħidma ħafifa :
'mma f'dak ilsien tan-nar, tal-Mara Mwiegħda
jixgħel il-ħsieb, tħabbat il-qalb nadifa.

Nhar is-Salvatur,
10-15—11.15 a.m.



## Lill-Pjaċir

Qarrieq mill-bidu, rsaqt bil-kelma rżina
fuq l-ewwel mara u bdejt il-ħajr għad-dnub.
Hi, fiergħa, m'għarfitekx : fil-ħolma bnina
li sawwartilha ħasset qalbha ddub

u rtifset tal-Mulej ċ-ċaħda ħanina,
u safa l-Bniedem minnufih midrub
fl-isbaħ setgħet tal-Qalb, u bdiet għalina
ħajja qalila taħt sultan magħdub.

U hekk, qarrieqi, taħt il-lbies tal-Hena
bqajt tindehes mal-ġnus, ulied il-Ħtija,
u żżid u tkabbar ir-rebħiet kull sena.

Iżda min ħabb lil Kristu u ssallab miegħu
għaraf, PJACIR, li int gidba faħxija,
maskra tal-Hena u l-akbar Għadu tiegħu.

22-23—VII—38.

## Il-Balluta Mwaqqgħa

*(Minn "La Quercia Caduta" ta' G. Pascoli)*

Fejn kien hemm dellha, qiegħda issa mifruxa
mejta l-Balluta, u ma tilħaqx mar-rwiefen.
Tgħid in-nies: Ħares haw', koss kienet kbira !

Idendlu lhawn u lhinn mill-friegħi ħodor
il-bejtiet żgħar li ntisġu fir-rebbiegħa.
Tgħid in-nies : Ħares haw', koss kienet tajba !

Kulħadd ifaħħar; kulħadd jaqta'. Jagħnet
filgħaxija kulħadd bil-qatta tqila.
Fl-ajru... hemm biki... biki ta' bufula
li tfittex u ma ssibx il-bejta tagħha.

20—VII—38

DUN KARM